



Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2018/2195(DEC)

23.1.2019

OPINJONI

tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

għall-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

dwar il-kwittanza fir-rigward tal-implementazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Frontiera u tal-Kosta (Frontex) għas-sena finanzjarja 2017
(2018/2195(DEC))

Rapporteur għal opinjoni: Romeo Franz

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivilji, il-Ġustizzja u l-Intern jistieden lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit, bħala l-kumitat responsabbi, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Ifakk li b'reazzjoni għall-influss tal-migrant u ta' persuni li jfittxu asil li l-Unjoni affaċċat fl-2015, il-mandat tal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Frontiera (Frontex) ("l-Aġenzija") ġie estiż b'mod konsiderevoli fl-2016, sabiex l-Aġenzija tkun tista' tindirizza b'mod aħjar il-ħtiġijiet u l-isfidi li qegħdin jiġu affaċċjati fil-fruntieri esterni tal-UE; jirrimarka li l-baġit tal-Aġenzija żdied b'21 % fl-2017, bil-persunal relataj jiżid b'43 % fl-2017; jenfasizza li fl-2017 is-sistemi u l-proċeduri kienu għadhom fil-proċess li jiġu adattati għall-mandat il-ġdid tal-Aġenzija, li ġie aġġornat fl-2016 permezz tar-Regolament (UE) 2016/1624¹; jilqa' l-konklużjonijiet tal-Qorti tal-Awdituri li l-kontijiet annwali tal-Aġenzija jippreżentaw b'mod ġust il-pożizzjoni finanzjarja tagħha fil-31 ta' Diċembru 2017 u li t-tranżazzjonijiet tagħha huma legali u regolari; ifakk li l-mandat tal-Aġenzija bħalissa qiegħed jiġi rivedut;
2. Jinnota li għat-tieni sena konsekuttiva, kanċellazzjonijiet sinifikanti (17 %) tal-appoprjazzjonijiet baġitarji ġew riportati mis-sena preċedenti; jenfasizza li dan jindika sopravalutazzjoni sinifikanti tal-ħtiġijiet baġitarji tal-Aġenzija, b'mod partikolari min-naħħa tal-amministrazzjonijiet pubbliċi tal-Istati Membri u pajjiżi oħra li jikkoperaw magħħom; jitlob għalhekk lill-Aġenzija taħdem mas-sħab tagħha biex ittejjeb il-previżjonijiet baġitarji tagħha; iħeġġeġ lill-Aġenzija tagħmel użu mill-opzjonijiet relatati mal-kostijiet simplifikati u mekkaniżmi ta' finanzjament oħra minbarra l-għotjiet biex, fejn xieraq, tiżdied il-kosteffikaċja;
3. Jinnota li mill-2014, il-Qorti tal-Awdituri ilha tirrapporta li l-prova tal-infiq iddikjarata mill-pajjiżi li jikkoperaw, spiss mhijiex suffiċjenti; jiddispjaċih li, għal darb'oħra, dan kien il-każ għall-2017, bil-finanzjament tal-iskjerament ta' Ajruplan fil-Greċja bħala appoġġ lill-Gwardja Kostali tal-Iż-żlanda u bil-kofinanzjament ta' ajruplan ieħor li ntuża mill-Guardia Civil Spanjola; jilqa' d-deċiżjoni tal-Aġenzija li tesplora l-użu ta' mudell ta' rimborż tal-ispejjeż simplifikat biex tindirizza dawn il-kwistjonijiet rikorrenti;
4. Jiddispjaċih dwar ir-reklutaġġ irregolari ta' persunal temporanju AST fi gradi ogħla minn dawk permessi mir-Regolamenti tal-Persunal (AST 4); jifhem id-diffikultajiet li l-Aġenzija qiegħda taffaccia fir-reklutaġġ ta' persunal kwalifikat, li wassal lill-Aġenzija tirritorna EUR 4 miljuni; ifakk lill-Aġenzija dwar l-importanza li taderixxi mar-Regolamenti tal-Persunal f'kull ħin;

¹ Ir-Regolament (UE) 2016/1624 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Settembru 2016 dwar il-Gwardja Ewropea tal-Frontiera u tal-Kosta u li jemenda r-Regolament (UE) 2016/399 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 863/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2007/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/267/KE (*ĠUL 251, 16.9.2016, p. 1*).

5. Jiddispjaċih dwar il-fatt li l-avviżi ta' postijiet battala huma ppubblikati biss fuq is-sit web tal-Aġenzija u f'għadd limitat ta' lingwi biss; jistieden lill-Aġenzija tkun aktar proattiva fir-rigward tal-viżibbiltà u sensibilizzazzjoni ġeneralistici tal-postijiet battala tagħha; jirriko noxxi t-tħassib dwar spejjeż addizzjonali relatati mat-traduzzjoni tal-avviżi ta' postijiet battala fil-lingwi tal-Unjoni kollha, madankollu, jitlob lill-Aġenzija tippubblika b'mod sistematiku l-postijiet battala tagħha fuq is-sit web tal-Uffiċċju Ewropew għas-Selezzjoni tal-Persunal (EPSO) bil-lingwi tal-Unjoni kollha sabiex tiżdied it-trasparenza fil-konfront taċ-ċittadini tal-Unjoni; jistieden lill-Kummissjoni tqis miżuri maħsuba biex inaqqsu l-piż finanzjarju għat-traduzzjoni tal-avviżi ta' postijiet battala fuq l-aġenziji, inkluż billi jiġi stabbilit ftehim qafas *ad hoc* maċ-Ċentru tat-Traduzzjoni għall-Korpi tal-Unjoni Ewropea;
6. Jinnota li l-Aġenzija għad m'għandhiex Pjan komprensiv tal-Kontinwitā tan-Negozju approvat mill-Bord Amministrattiv minn mindu ċċaqaq fl-2014; jitlob lill-Bord Amministrattiv tal-Aġenzija jadotta ftehim ċar dwar il-livell ta' servizzi għall-kontinwitā tal-aktivitajiet tagħha f'każ ta' diżzastru fuq il-post, kif ukoll objettivi korrispondenti ta' rkupru tal-IT u telf massimu permissibbli ta' data għas-sistemi u l-applikazzjonijiet l-aktar kritiċi tagħha; jitlob lill-Aġenzija tiżviluppa pjanijjiet ta' appoġġ, sabiex teżerċitahom b'mod adegwat u jkollha riżultati tat-testijiet approvati b'mod responsabbli mill-Bord Amministrattiv;
7. Ifakk li d-dispożizzjonijiet dwar l-informazzjoni u l-komunikazzjoni bħala parti mir-responsabbiltà tal-Aġenzija lejn il-pubbliku kienu modifikati b'mod konsiderevoli fir-Regolament rivedut, li jirrikjedi li l-Aġenzija tkun aktar trasparenti dwar l-aktivitajiet tagħha; jiddispjaċih dwar il-fatt li l-Aġenzija għadha ma wettqitx bis-sħiħ dawn ir-regoli l-ġoddha u jitlobha timplimentahom mingħajr dewmien;
8. Jiddispjaċih dwar il-fatt li l-biċċa l-kbira tal-programmi operattivi tal-Aġenzija għandhom nuqqas ta' objettivi kwantitativi u valuri mmirati speċifiċi għall-operazzjonijiet konġunti; jinnota bi tħassib li dan, flimkien ma' dokumentazzjoni insuffiċjenti mill-pajjiżi li jikkooperaw, jistgħu jfixklu l-evalwazzjoni *ex post* tal-effikacċja tal-operazzjonijiet konġunti fit-tul; jistieden lill-Aġenzija tistabbilixxi objettivi strateġiċi rilevanti għall-aktivitajiet tagħha u sistema effikaċi ta' monitoraġġ u rappurtar li tkun orjentata lejn ir-riżultati b'indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni rilevanti u li jistgħu jitkejju;
9. Jinnota bi tħassib, għal darb'oħra, l-iżbilanċ bejn il-ġeneri fil-Bord Amministrattiv tal-Aġenzija; ifakk li l-Istati Membri huma responsabbli biex jinnominaw il-Membri għall-Bord; jistieden lill-Istati Membri jiżguraw li n-nomini tal-membri tagħhom għall-Bord Amministrattiv tal-Aġenzija juru bilanċ bejn il-ġeneri; jistieden lill-Aġenzija tfakkar b'mod proattiv lill-Istati Membri dwar l-importanza ta' bilanċ bejn il-ġeneri; jirrimarka li huma mixtieqa miżuri mmirati lejn il-kisba ta' bilanċ ġeografiku aħjar fil-kompożizzjoni tal-persunal tal-Aġenzija;
10. Jiddispjaċih bil-qawwa li minkejja l-appelli ripetuti tal-Parlament u ż-żieda ġeneralistici sinifikanti tal-persunal għall-Aġenzija, l-Uffiċċjal għad-Drittijiet Fundamentali għad m'għandux riżorsi umani adegwati, u għalhekk huwa ostakolat b'mod ċar fit-twettiq tal-kompli fdati lilu mir-Regolament rivedut; iħeġġegħ lill-Aġenzija tipprovd lill-Uffiċċjal tagħha għad-Drittijiet Fundamentali r-riżorsi u l-persunal adegwati, b'mod partikolari

għall-istabbiliment ta' mekkaniżmu għall-ilmenti u għall-iżvilupp ulterjuri u għall-implementazzjoni tal-istratēġija tal-Aġenzija biex tissorvelja u tiżgura l-ħarsien tad-drittijiet fundamentali.

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

Data tal-adozzjoni	10.1.2019	
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: -: 0:	42 2 3
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Asim Ademov, Martina Anderson, Heinz K. Becker, Monika Beňová, Michal Boni, Caterina Chinnici, Rachida Dati, Frank Engel, Laura Ferrara, Romeo Franz, Kinga Gál, Ana Gomes, Nathalie Griesbeck, Sylvie Guillaume, Monika Hohlmeier, Sophia in 't Veld, Cécile Kashetu Kyenge, Monica Macovei, Roberta Metsola, Claude Moraes, Ivari Padar, Judith Sargentini, Birgit Sippel, Csaba Sógor, Helga Stevens, Traian Ungureanu, Bodil Valero, Marie-Christine Vergiat, Udo Voigt, Josef Weidenholzer, Cecilia Wikström, Kristina Winberg, Tomáš Zdechovský, Auke Zijlstra	
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Dennis de Jong, Anna Hedh, Lívia Járóka, Marek Jurek, Jean Lambert, Jeroen Lenaers, Andrejs Mamikins, Angelika Mlinar, Maite Pagazaurtundúa Ruiz, Christine Revault d'Allonnes Bonnefoy	
Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Norbert Erdős, Fernando Ruas, Adam Szejnfeld	

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJET
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

42	+
ALDE	Nathalie Griesbeck, Sophia in 't Veld, Angelika Mlinar, Maite Pagazaurtundúa Ruiz, Cecilia Wikström
ECR	Marek Jurek, Monica Macovei, Helga Stevens
EFDD	Laura Ferrara
GUE/NGL	Dennis de Jong
PPE	Asim Ademov, Heinz K. Becker, Michał Boni, Rachida Dati, Frank Engel, Norbert Erdős, Kinga Gál, Monika Hohlmeier, Lívia Járóka, Jeroen Lenaers, Roberta Metsola, Fernando Ruas, Csaba Sógor, Adam Szijnfeld, Traian Ungureanu, Tomáš Zdechovský
S&D	Monika Beňová, Caterina Chinnici, Ana Gomes, Sylvie Guillaume, Anna Hedh, Cécile Kashetu Kyenge, Andrejs Mamikins, Claude Moraes, Ivari Padar, Christine Revault d'Allonnes Bonnefoy, Birgit Sippel, Josef Weidenholzer
VERTS/ALE	Romeo Franz, Jean Lambert, Judith Sargentini, Bodil Valero

2	-
ENF	Auke Zijlstra
NI	Udo Voigt

3	0
ECR	Kristina Winberg
GUE/NGL	Martina Anderson, Marie-Christine Vergiat

Tifsira tas-simboli użati:

- + : favur
- : kontra
- 0 : astensjoni